32005D0497

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Lulju 2005

li temenda d-Deċiżjoni 2002/472/KE li tistipula kundizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd mir-Repubblika tal-Bulgarija

(notifikata taħt dokument numru C(2005) 2454)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/497/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWOPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula l-kundizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 11(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/472/KE li tistipula kundizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd mir-Repubblika tal-Bulgarija [2] tipprovdi li ż-żieda ta' stabbilimenti u bastimenti ġodda mal-lista ta' stabbilimenti u bastimenti li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd mill-Bulgarija se jeħtieġu spezzjoni Komunitarja.

(2) Id-Deċiżjoni 2002/472/KE tipprovdi wkoll li t-tnaqqis fil-frekwenza ta' kontrolli fiżiċi, stipulata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/360/KE [3] ma jiġix applikat għal prodotti tas-sajd impurtati mill-Bulgarija.

(3) Ir-riżultati ta' żjara ta' spezzjoni mill-esperti tal-Kummissjoni tindika li l-Bulgarija issa tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tipprovdi garanziji sanitarji li huma għallinqas daqs dawk applikati fil-Komunità. Fid-dawl ta' dak ir-riżultat huwa xieraq li tingħata l-konċessjoni fir-rigward tat-tnaqqis fil-frekwenza tal-kontrolli fiżiċi, li jiġu inklużi stabbilimenti ġodda fil-lista u li tiġi applikata l-proċedura stipulata fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 95/408/KE [4] għal emendi ġejjiena ta' dik il-lista.

(4) Id-Deċiżjoni 2002/472/EC għandha, għalhekk, tiġi emendata kif xieraq.

(5) Jixraq li din id-Deċiżjoni tiġi applikata 45 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali biex b'hekk isir provvediment għall-perjodu tranżitorju meħtieġ.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2002/472/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikoli 4 u 5 huma mħassra;

2. L-Annessi I u II jinbidlu bit-test li hemm fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mit-28 ta' Awwissu 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-12 ta' Lulju 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 15. Direttiva kif ġiet emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 163, 21.6.2002, p. 24.

[3] ĠU L 158, 25.6.1994, p. 41. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament Nru 2002/237/KE (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 40).

[4] ĠU L 243, 11.10.1995, p. 17. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva Nru 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

ANNESS

"ANNESS I

ĊERTIFIKAT SANITARJU

għall-prodotti ta' l-industrija tas-sajd importati mill-Bulgarija u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea bl-esklużjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi tal-baħar fi kwalunkwe għamla

Numru ta' Referenza: .....

Pajjiż li jibgħat: IL-BULGARIJA

L-awtorità kompetenti: Is-Servizz Veterinarju Nazzjonali (NVS) tal-Ministeru għall-Agrikoltura u l-Foresti

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/ta' l-akkwakoltura ([1]): .....

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip ta' trattament ([2]): .....

— In-numru tal-kodiċi (fejn japplika): .....

— Tip ta' ppakkeġġar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Temperatura tal-ħażna u tat-trasport meħtieġa: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), bastiment(i) tal-fabbrika, jew tal-maħżen (imħażen) imkessaħ(in) approvati jew tal-bastiment(i) tal-friża rreġistrati mill-NVS għall-esportazzjoni lejn il-KE: .....

.....

III. **Id-destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti jintbagħtu

minn: .....
(post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

([1]) Ħassar kif meħtieġ.

([2]) Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, affumikat, ippreżervat.

bil-mezz ta' transport li ġej: .....

.....

Isem u indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

Isem id-destinatarju u indirizz tal-post tad-destinazzjoni: .....

.....

IV. **Ċertifikat tas-saħħa**

— L-ispettur sanitarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd speċifikati hawn fuq:

1. inqabdu u ġew ittrattati abbord ta' bastimenti skond ir-regoli sanitarji stabbiliti mid-Direttiva 92/48/KEE;

2. ittellgħu, ġew ittrattati, u fejn meħtieġ ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, tħallew jinħallu u ġew maħżuna b'mod iġjeniku skond il-kondizzjonijiet meħtieġa kif preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;

3. għaddew minn kontrolli sanitarji skond il-Kapitlu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ppakkjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;

5. mhux ġejjin minn speċij tossiċi jew speċi li fihom il-bijotossini;

6. għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli organolettiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u mid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa konxju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE u 92/48/KEE u tad-Deċiżjoni 2005/497/KE.

Magħmul fi ..... fil- .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali ([1])

Firma ta' l-ispettur uffiċjali ([1])

(Isem b'ittri kbar, kariga u kwalifiki tal-persuna firmatarja)

([1]) Il-kulur tat-timbru u l-firma għandhom ikunu differenti minn dawk tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

ANNESS II

LISTA TA' STABBILIMENTI U BASTIMENTI

Nru ta' l-approvazzjoni	Isem	Belt Reġjun	Skadenza ta' l-Approvazzjoni	Kategorija	Rimarki
BG 051 3001	Maxim-G Keranov	Vidin – id-Distrett ta' Novo Sello		PP	
BG 161 3002	Parpen Chobanov	Plovdiv – id-Distrett ta' Boliartsi		PP	
BG 211 3002	Salvenius ReyaFish	Smolyan – id-Distrett ta' Dospat		PP	
BG 261 3001	Euro Pesca, Ltd company	Svolengrad – id-Distrett ta' Haskovo		PP	
BG 051 3002	Beluga AD	il-Belt ta' Vidin – ir-Reġjun ta' Vidin		PP	
BG 021 3024	Buljac AD	il-Belt ta' Bourgas – ir-Reġjun ta' Bourgas		PP	
BG 020 3001	Buljac AD	il-Belt ta' Bourgas – ir-Reġjun ta' Bourgas		PP	A

Tifsira tal-Kategorija:

PPa Impjant li jipproċessa esklussivament jew parzjalment materjali li jiġu mill-akkwakoltura (prodotti mrobbija)."